MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 631/2009

**Aldo Farrugia (K.I. 446879M) u Simon Camilleri (K.I. 87570M)**
**vs**
**Josephine Grixti (K.I. 217256M) u Paul Cutajar (K.I. 270460M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro (€3,494) rapprezentanti hlas ta' diversi xoghliiet gewwa Triq Port Ruman, Safi u skont kuntratt t' appalt mall-konvenuti datat 17 ta' Novembru, 2008.

Illi dawn ix-xoghlijiet tlestew fl-istess xahar u x-xoghol gie ccertifikat u mkejjel mill-Perit Robert Mususmeci u li kien fadal bilanc ta' €3,540 (inlkuz il-VAT) liema somma giet ridotta ghal fini ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Ghalhekk, ighid il-konvenut ghalfejn it-Tribunal m'ghandux jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro (€3,494) bl-ispejjez u bl-imghax inkluz dak ta' protest gudizzjarju datat 23 ta' Gunju, 2009.

Ra li l-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn qalu li l-ammont reklamat mill-atturi m'huwiex dovut fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghlijiet ma twettqux skont is-sengha u l-arti, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mill-ligi.

Ra li fis-seduta tat-28 ta' Settembru, 2009 dehret l-avukat difensur tal-atturi fejn issollevat illi r-risposta kienet dahlet tardivament. Illi l-konvenuti ma kienux dehru ghal din is-seduta. Illi t-Tribunal iddefirixxa l-kawza ghal 15 ta' Ottubru, 2009 sabiex jisma' l-konvenuti jiggustifikaw il-kontumacja.

Ra li fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2010 la dehru l-konvenuti u l-anqas l-avukat difensur taghhom ghalkem ilkoll msejjhin tlett darbiet skont il-ligi.

Sema' x-xhieda ta' Aldo Farrugia u Simon Camilleri fejn xehdu li l-ammont pretiz kien ghadu dovut. Illi l-atturi ghalqu l-provi taghhom.

Illi t-Tribunal f'dik is-seduta ikkonferma l-kontumacja tal-konvenuti u ddiferixxa il-kawza ghal darb'ohra ghax-xhieda tal-konvenuti, dwar il-fatti, ghat-3 ta' Frar, 2010.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma dehrux u lanqas ma dehru ghas-seduta tat-3 ta' Frar, 2010 sabiex jisma l-fatti tal-konvenuti.

Ra li fis-seduta tat-3 ta' Frar, 2010 gie prezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti mill-Avukat Dr.Suzanne Agius u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------